VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,977, 13 ta' April, 2018

Taqsima B

A.L. 126 tal-2018

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-*Taxi*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-*Taxi* u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Servizzi tat-*Taxi*, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 499.59.

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (3) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "dikjarazzjoni ta' ħtija" għandhom jiżdiedu l-kliem "ta' xi reat kontemplat fil-paragrafu (a) tas-subregolament 1 tar-regolament 11A".

Jemenda r-regolament 11A tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament 1 tar-regolament 11A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher:

(i) fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew tal-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204C, 205, 211, 212, 217 (f'każ illi r-reat ikun twettaq permezz ta' arma tan-nar), 220, 238(a), 248B, 248C, 248D tal-Kodiċi Kriminali;

(ii) fl-artikoli 2, 3, 5, 7, 8, 9 u 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni;

(iii) fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b)(c), 15, 15A, 16, 18 u 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż; u

(iv) fl-artikoli 37, 38, 44, 50 u 61 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;";

(b) is-subparagrafi (i), (ii) u (iii) tal-paragrafu (ċ) tiegħu

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(i) tliet xhur fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda li ma jkunux aktar minn sentejn;

(ii) daqs kwart tal-piena ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sentejn;";

(ċ) il-paragrafi (d), (e) u (f) tiegħu għandhom jitħassru u l-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (d); u

(d) l-ewwel proviso tal-paragrafu (d) kif enumerat mill-ġdid tiegħu għandu jitħassar u t-tieni proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodu msemmi fil-paragrafu (ċ) m'għandux ikun ta' aktar minn sentejn.".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "regolament 11" għandhom jidħlu l-kliem "regolament 11A" u l-proviso tiegħu għandu jitħassar; u

fis-subregolament (7) tiegħu, minflok il-kliem "is-subregolamenti (2) u (3)" għandhom jidħlu l-kliem "is-subregolament (2)".